MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Numru 24/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Richard Anndrews Perez Oberght**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 24 tas-sena 2011 kontra l-akkużat Richard Anndrews Perez Oberght li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-18 ta' Novembru 2009, l-akkuzat Richard Anndrews Perez Oberght ivvjagga lejn Malta permezz ta' titjira ta' l-AirMalta Km 421 minn Brussels ma' ħabiba tiegħu Albania Mora Battista. Hawn Malta l-akkużat għażel li jirrisjedi fil-Hotel Preluna. L-ghada d-19 ta' Novembru 2009, għall-habta tas-satejn ta' filghaxija (2:00pm) l-pulizija waqqfu lill-akkużat u wara li saret tfittxija fil-kamra tiegħu ttieħed l-isptar Mater Dei sabiex jitteħidlu x-ray. Minn dan l-x-ray irriżulta li l-akkużat Richard Anndrews Perez Oberght

f’istonku tieghu kien qieghed iġorr ammont sostanzjali ta’ kapsoli. F’dawn il-kapsoli instabet sostanza allegatment droga.

Illi din is-sustanza giet annalizata minn espert imqabbad mill-Qorti u ikkonferma s-suspetti tal-pulizija li din is-sustanza kienet droga Kokajina ta’ purita’ medja ta 27.2%. Bhala ammont irrizulta ukoll li kien hemm 740.41grammi u l-prezz tal-bejgh bl-imnut ta’ din id-droga perikoluża kien jammonta s-somma ta €56 271.

Illi din l-istorja bdiet xi gimgha qabel it-18 ta’ Novembru 2009 meta l-akkuzat Richard Anndrews Perez Oberght xjentement assoċja ruħu ma’ persuni oħra barra minn Malta u ikkombina l-mezzi tiegħu ma’ ta’ dawn il-persuni sabiex b’hekk fit-18 ta’ Novembru 2009 ikun jista’ imexxi u jimporta illegalment id-droga f’Malta.

Illi dan gara meta l-akkuzat kien Rotterdam u ltaqa’ ma’ persuna tal-istess Nazzjonalita’ magħrufa bil-laqam Moreno li offrielu jagħmel vjaġġ lejn Malta sabiex jimporta d-droga. L-akkużat Richard Anndrews Perez Oberght accetta l-offerta u susseggwentement bdew jiftehmu u jhejju pjan kif se jimportaw din d-droga ġo Malta. Ftehmu li Moreno kellu jipprovdi kemm d-droga Kokajina kif ukoll l-flus ta’ dan il-vjagg. Ghal dan l-iskop Moreno għadda lil akkuzat is-somma ta’ elf euro (€1000) u numru ta’ kapsoli kontenenti s-sustanza illegali Kokajina. B’din is-somma flus, l-akkużat xtara biljett tal-arju għalih u sabiex ma jaghtix fil-għajn għall-ħabiba tiegħu Albania Mora Battista. Ġie miftiehem ukoll li l-akkuzat jibla’ u jġorr d-droga fl-istonku tieghu u f’Malta jistenna telefonata minn ghand terza persuna sabiex din tibgor din l-istess droga Kokajina. Bħala kumpens l-akkuzat kien miftiehem li se jiġi mogħti s-somma ta’ €4000.

Illi in esekuzzjoni ta` dan il-pjan mahsub sa l-inqas dettal, fl-18 ta’ Novembru 2009 l-akkużat Richard Anndrews Perez Oberght ġie Malta permezz ta’ titjira Km 421 minn Brussels u fl-istonku tiegħu ġarr 740.41 gramma droga Kokajina. Fortunatament din il-kunsinna kbira ta’ droga Kokajina ġiet maqbuda mill-Pulizija l-għada d-19 ta’

Novembru 2009 f'Tas-Sliema meta l-akkużat ġie arrestat u ittieħed l-isptar Mater Dei għall-X-Ray.

Illi d-droga Kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Anndrews Perez Oberght sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina perikoluza f'dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromowova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq msemmi akkuża lill-imsemmi Richard Anndrews Perez Oberght ħati talli fix-xahar ta' Novembru 2009 assocja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'dawn il-Gzejjer (Kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni; talab illi jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' prigunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatjin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta'

Akkuza u cioe' fid-18 ta' Novembru 2009 l-akkuzat Richard Anndrews Perez Oberght gie Malta permezz ta titjira tal-Airmalta Km 421 minn Brussels. L-ghada d-19 ta' Novembru 2009 ġie arrestat mill-pulizija f'Tas-Sliema u wara li sarlu x'ray gewwa l-isptar Mater Dei rrizulta li mohbija gewwa l-istonku tieghu kellu d-droga. Saru t-testijiet medici mehtiega u gie kkonfermat li l-akkuzat kien qieghed iġorr d-droga Kokajina. L-akkużat ammetta mal-pulizija li kien bela numru konsiderevoli ta' kapsoli bid-droga Kokajina xi jiem qabel sabiex jimportahom go Malta.

Dan it-trab gie annalizat minn espert imqabbad mill-Qorti u rrizulta l-ammont ta Kokajina kien ta 740.41grammi ta' purita medja ta' 27.2%. Il-prezz tal-bejgh bl-imnut ta' din id-droga perikoluza kien jammonta s-somma ta' €56 271.

Illi d-droga Kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Richard Anndrews Perez Oberght sar hati talli importa jew esporta jew gieghel li tigi importata jew esportata, jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata jew esportata medicina perikoluza (Kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Richard Anndrews Perez Oberght, hati talli fit-18 ta' Novembru 2009 importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (Kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; talab illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u

multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) iżda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), fil-regolament 9(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta’ Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fiż-żmien u ċirkostanzi ndikati fl-ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u ċioe’ fit-18 ta’ Novembru 2009 l-akkuzat Richard Anndrews Perez Oberght gie Malta permezz ta’ titjira ta’ l-Airmalta Km 421 minn Brussels. Fid-19 ta’ Novembru 2009 moħbija fl-istonku tiegħu instabu 740.41grammi Kokajina ta’ purita medja ta’ 27.2% liema droga Kokajina ma kienx intiza ghal użu personali tiegħu. Il-prezz tal-bejgħ bl-imnut ta’ din id-droga perikoluza kien jammonta s-somma ta €56 271.

Illi d-droga Kokajina hija droga specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi Richard Anndrews Perez Oberght ma kellux awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta’ Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu.

Illi b’ghemilu, l-imsemmi Richard Anndrews Perez Oberght sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx

fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wieħed taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Richard Anndrews Perez Oberght ħati talli fit-18 u 19 ta' Novembru 2009 kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina li għaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; talab illi jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u li huwa jigi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija u disgha u sittin  euro u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 15, 20, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew

ghal kull piena ohra li tista’ skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Richard Anndrews Perez Oberght, tal-5 t’Ottubru, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta’ priġunerija għal periodu ta’ disa` snin (9) flimkien ma’ multa ta’ tlieta w ghoxrin elf Euro (€23,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ ħtija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluż il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkużat.

Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta’ Ottubru, 2012, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skont l-Att tal-Akkuża wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tiegħu fl-Att tal-Akkuża;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453A (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkużat baqa’ jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Richard Anndrews Perez Oberght, ħati talli:

1. fix-xahar ta’ Novembru 2009 assocja ruħu ma’ xi persuna jew persuni oħra barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika medicina f’dawn il-Gzejjer (Kokajina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni, u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

2. fit-18 ta’ Novembru 2009 importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi
ħaġa sabiex tista’ tiġi importata mediċina perikoluża (Kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.
3. fit-18 u 19 ta’ Novembru 2009 kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skont ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b’dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero’ ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b’arrest tal-ħati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bħala mezz għall-fini biex seta’ jiġi kommess ir-reat dedott taħt it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża w għalhekk, għall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta; (Ara **“Ir-Repubbllika ta’ Malta vs. Mansour Muftah Nagem”** [31.10.2002] u **“Ir-Repubbllika ta’ Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag”** [15.05.2003] u oħrajn).

Peress li, wara li ħadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament il-kondotta ta’ qabel tal-ħati, x-xorta w l-kwantita’ tat-taghmir jew materjal, u b’ mod partikolari f’

dan il-każ il-kwantita' ta' droga involuta fir-reati, iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi reċenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-ħati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skont il-liġi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8 (a)(b), 9, 10(1), 12, 14(1), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(d), 22(2)(b)(i), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap. 101, r-Regolament 4(a), 9 u 9(a) tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati Richard Anndrews Perez Oberght għall-piena ta' priġunerija ta' disa` (9) snin kif ukoll multa ta' €23,000 liema multa għandha titħallas fi żmien xahrejn u jekk ma titħallasx tkun konvertita f' sena prigunerija.

Inoltre tikkundannah iħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe' elf, mitejn u tlieta u disghin Ewro (€1,293.00) liema spejjeż peritali jekk ma jitħallsux jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati;

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti,

li għandu jagħmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jġibu a konjizzjoni
ta’ din il-Qorti b’nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------